



IL-QORTI
EWROPEA
TAL-AWDITURI

MT

Opinjoni 01/2023

(skont l-Artikolu 287(4), TFUE)

dwar il-proposta tal-Uffiċċju
tal-Prosekutur Pubbliku
Ewropew għal emenda
tal-Kundizzjonijiet
tal-Impjeg tal-Prosekuturi
Delegati Ewropej
bil-ħsieb li tiġi aġġustata
r-rimunerazzjoni bażi
tagħhom

Werrej

| | Paragrafu |
|----------------------------|-----------|
| Introduzzjoni | 01 - 03 |
| Kummenti ġenerali | 04 |
| Kummenti speċifiċi | 05 - 08 |
| Rekwiżiti baġitarji | 05 - 07 |
| Rifużjoni tat-taxxa | 08 |
| Kummenti finali | 09 |

IL-QORTI TAL-AWDITURI TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b' mod partikolari l-Artikolu 287(4) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-[Regolament tal-Kunsill \(UE\) 2017/1939](#) tat-12 ta' Ottubru 2017 ("ir-Regolament dwar l-UPPE"), li jimplimenta kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE),

Wara li kkunsidrat id-[Deċiżjoni tal-Kulleġġ 001/2020 tal-UPPE](#) tad-29 ta' Settembru 2020, kif emendata u ssupplimentata, li tistabbilixxi r-regoli dwar il-Kundizzjonijiet tal-Impjeg tal-Prosekuturi Delegati Ewropej (PDE),

Wara li kkunsidrat it-talba indirizzata mill-UPPE fit-22 ta' Novembru 2022 lill-Qorti Ewropea tal-Awdituri għal opinjoni dwar il-proposta tiegħu għal emenda tal-Kundizzjonijiet tal-Impjeg tal-PDE bil-ħsieb li tiġi aġġustata r-rimunerazzjoni bażi tagħhom,

Wara li kkunsidrat l-[Opinjoni 5/2022](#) tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar il-proposta preċedenti tal-UPPE biex jiġu emendati l-istess Kundizzjonijiet tal-Impjeg.

Billi:

- (1) L-UPPE ma jħallasx allowances tal-UE għall-ulied dipendenti lill-PDE, iżda dawn l-impjegati jirċievu r-[rifużjonijiet tat-taxxa tal-UE assoċjati fis-salarju tagħhom](#).
- (2) F'[sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea](#) (Kawża T-484/18), inċidentalment ġie kkonfermat li impjegati tal-UE li mhumiex intitolati għal allowance għall-ulied dipendenti, u li ma jirċevuhiex mill-impjegatur tal-UE tagħhom, mhumiex intitolati għar-rifużjonijiet korrispondenti tat-taxxa fuq is-salarju tal-UE tagħhom, kif previst mir-[Regolament \(KEE, Euratom, KEFA\) Nru 260/68](#) tal-Kunsill tad-29 ta' Frar 1968, li jstabbilixxi l-kundizzjonijiet u l-proċedura għall-applikazzjoni tat-taxxa għall-benefiċċju tal-Komunitajiet Ewropej.
- (3) Is-servizz legali tal-Kummissjoni ta parir lis-servizzi kompetenti tal-Kummissjoni, li infurmaw lill-UPPE f'Ottubru 2022, li l-PDE ma jistgħux jibbenefikaw mill-allowances tal-UE għall-ulied dipendenti, u li l-allowances għall-ulied li jirċievu minn Stat Membru ma jintitolawhomx għat-tnaqqis tat-taxxa.

ADOTTAT L-OPINJONI LI ĠEJJA:

Introduzzjoni

01 Kull Stat Membru parteċipanti għandu minn tal-inqas żewġ PDE li jirrisjedu fil-pajjiż ta' oriġini tagħhom. L-UPPE jqabba lill dawn il-PDE bħala Konsulenti Speċjali f'konformità mal-Kundizzjonijiet tal-Impjeg tal-UE applikabbli għall-Aġenti l-Oħra.

02 L-UPPE jipproponi emenda għall-Kundizzjonijiet tal-Impjeg tal-PDE: id-[Deċiżjoni tal-Kulleġġ 001/2020](#) li tistabbilixxi r-regoli dwar il-kundizzjonijiet tal-impjeg tal-PDE, kif emendata u ssupplimentata mid-[Deċiżjonijiet 017/2021](#) u [103/2021](#) tal-Kulleġġ tal-UPPE, li attwalment tistabbilixxi l-paga tal-PDE bħala 80 % ta' dik ta' uffiċjal bil-grad ta' AD9, tkun emendata kif ġej:

L-Artikolu 14, il-paragrafu (1), l-ittra a): “a) ir-rimunerazzjoni bażika fix-xahar għal-livell 1 tal-iskala kif imsemmi fl-Artikolu 12 ta' din id-Deċiżjoni, li tikkorrispondi għas-salarju bażiku fix-xahar ta' Uffiċjal fil-grupp ta' funzjonijiet AD, il-grad 9, skala 1, kif ipprovdut fit-tabella fl-Artikolu 66 tar-Regolamenti tal-Persunal. Ir-rimunerazzjoni bażika fix-xahar għandha tiżdied b'6 % għal kull livell li jkun imiss ta' dik l-iskala”.

03 L-UPPE informana li din il-proposta hija intiża biex iżżid l-attraenza tal-pożizzjonijiet ta' PDE fl-Istati Membri. Hija tissostitwixxi l-proposta tal-UPPE minn April 2022 biex jitħallsu l-allowances għall-ulied lill-PDE.

Kummenti ġenerali

04 Ir-Regolament dwar l-UPPE jipprevedi li l-UPPE għandu jkun indipendenti. Dan ir-Regolament jiddikjara li l-PDE jenħtieġ li jitqabbdu bħala Konsulenti Speċjali. Il-[Kundizzjonijiet tal-Impjeg tal-UE applikabbli għall-Aġenti l-Oħra](#) (l-Artikolu 123), li japplikaw għall-Konsulenti Speċjali, jagħtu lill-UPPE l-kapaċità li jstabbilixxi l-livell ta' salarju għall-PDE, fi ħdan il-limiti baġitarji u limiti legali oħra. Għaldaqstant ma aħniex se nikkomentaw dwar l-iskala u n-natura taż-żieda proposta fir-rimunerazzjoni.

Kummenti speċifiċi

Rekwiżiti baġitarji

05 Il-bidla proposta fir-rimunerazzjoni tal-PDE se tinvolvi żieda fis-salarju bażiku fix-xahar ta' 25 % għall-PDE kollha. L-UPPE stma li din se tqum bejn EUR 2.4 miljun u EUR 3.8 miljun għall-2023. Din hija żieda sinifikanti mill-emenda preċedenti proposta mill-UPPE biex il-PDE li għandhom it-tfal jingħataw l-allowances tal-UE għall-ulied dipendenti, li l-UPPE kien stma li jammontaw għal EUR 0.8 miljun kull sena. Il-baġit attwali għar-rimunerazzjoni tal-PDE għall-2023, qabel ma jiġi kkunsidrat l-impatt tal-emenda proposta, huwa ta' EUR 9.8 miljun (minn baġit totali tal-UPPE ta' EUR 65.5 miljun).

06 Kif ikkummentajna fl-[Opinjoni 05/2022](#) tagħna, l-ispejjeż żejda jeħtieġ li jitqiesu bħala parti minn diskussjonijiet baġitarji annwali fil-ġejjieni.

07 Aħna nosservaw li fl-opinjoni tagħhom tal-11 ta' Jannar 2023 dwar il-proposta tal-UPPE, is-servizzi tal-Kummissjoni ddikjaraw li huma jistgħu jagħtu l-approvazzjoni tagħhom biss jekk iż-żieda strutturali proposta mhijiex se tirrikjedi kontribuzzjonijiet finanzjarji addizzjonali min-naħa tal-Unjoni.

Rifużjoni tat-taxxa

08 Wara s-sentenza rilevanti tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea (Kawża T-484/18), u kif rikonoxxut mill-UPPE u mill-Kummissjoni, ma hemm ebda bażi legali għall-għoti ta' rifużjoni tat-taxxa tal-UE lill-PDE. Jenħtieġ li l-UPPE jivvaluta l-każ għall-irkupru tar-rifużjoni tat-taxxa tal-UE mill-PDE mogħtija fl-aħħar sentejn, f'konformità mal-Artikolu 17 (1) tad-[Deċiżjoni tal-Kulleġġ 001/2020](#), li tippredvi li kwalunkwe somma li tħallset żejda għandha tiġi rkuprata jekk ir-riċevitur kien jaf li ma kien hemm ebda raġuni dovuta għall-pagament jew jekk il-pagament eċċessiv kien tant evidenti li ma setax ma jindunax bih.

Kummenti finali

09 L-UPPE għandu d-dritt li jiddeċiedi dwar ir-rimunerazzjoni tal-PDE. Iż-żieda proposta fir-rimunerazzjoni tal-PDE tkun tirrappreżenta kost addizzjonali sinifikanti għall-UPPE, u jenħtieġ li tiġi indirizzata u li dwarha jintlaħaq qbil mal-Kummissjoni Ewropea f'baġits futuri. L-UPPE jeħtieġ ukoll jivvaluta l-każ għall-irkupru tar-rifużjoni tat-taxxa tal-UE mill-PDE mogħtija fl-aħħar sentejn.

Din l-Opinjoni ġiet adottata mill-Awla V, immexxija mis-Sur Jan Gregor, Membru tal-Qorti tal-Awdituri, fil-Lussemburgu fil-laqgħa tagħha tal-24 ta' Jannar 2023.

Għall-Qorti tal-Awdituri



Tony Murphy
Il-President

DRITTIJJET TAL-AWTUR

© L-Unjoni Ewropea, 2023

Il-politika tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA) dwar l-użu mill-ġdid hija stabbilita fid-[Deċiżjoni Nru 6-2019 tal-QEA](#) dwar il-politika tad-*data* miftuħa u l-użu mill-ġdid ta' dokumenti.

Sakemm ma jkunx indikat mod ieħor (eż. f'avviżi individwali dwar id-drittijiet tal-awtur), kontenut tal-QEA li huwa proprjetà tal-UE huwa liċenzjat taħt il-[liċenzja Creative Commons Attribution 4.0 International \(CC BY 4.0\)](#). Għalhekk, bħala regola ġenerali, l-użu mill-ġdid huwa awtorizzat dment li jingħata kreditu xieraq u li kwalunkwe bidla tiġi indikata. Dawk li jużaw mill-ġdid il-kontenut tal-QEA ma jistgħux jgħawġu t-tifsira jew il-messaġġ oriġinali. Il-QEA ma għandhiex tkun responsabbli għal kwalunkwe konsegwenza relatata mal-użu mill-ġdid.

Irid jinkiseb permess addizzjonali jekk kontenut speċifiku juri individwi privati identifikabbli, eż. f'ritratti li jkun fihom il-membri tal-persunal tal-QEA, jew jekk ikun jinkludi xogħlijiet ta' parti terza.

Fejn ikun inkiseb tali permess, dan għandu jikkancelła u jissostitwixxi l-permess ġenerali msemmi hawn fuq u għandu jindika b'mod ċar kwalunkwe restrizzjoni dwar l-użu.

Biex tuża jew tirriproduċi kontenut li ma jkunx proprjetà tal-UE, jista' jkun meħtieġ li titlob il-permess direttament mingħand id-detenturi tad-drittijiet tal-awtur.

Software jew dokumenti li jkunu koperti mid-drittijiet ta' proprjetà industrijali, bħal privattivi, trademarks, disinji rreġistrati, logos u ismijiet, huma esklużi mill-politika tal-QEA dwar l-użu mill-ġdid.

Il-familja ta' siti web istituzzjonali tal-Unjoni Ewropea, fi ħdan id-dominju europa.eu, tipprovdi links għal siti ta' partijiet terzi. Peress li l-QEA ma għandha l-ebda kontroll fuqhom, dawn, inti m'ħeġġeġ biex tirrieżamina l-politiki tagħhom dwar il-privatezza u dwar id-drittijiet tal-awtur.

Użu tal-logo tal-QEA

Il-logo tal-QEA ma jridx jintuża mingħajr ma jinkiseb il-kunsens tagħha minn qabel.